VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,865, 19 ta' Settembru, 2017
Taqsima B

A.L. 236 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Sustainable Energy – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Sustainable Energy – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Sustainable Energy – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli ippubblikati bħala Avviż Legali 550 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali"..

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-applikanti li għandhom gradi oħra minbarra dawk speċifikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jistgħu jidħlu wkoll jekk jagħmlu intervista biex jiġi stabbilt għandhomx il-kapaċità u l-għarfien meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt."

4. Il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (3).